**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Grech**

Numru: 209/2018

Illum 12 ta' Gunju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Grech,** iben George u Silvia xebba Vella, imwieled nhar it-28 ta' Ottubru 1950 u resident gewwa l-fond numru 133, Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 82850(G), akkuzat talli nhar is-27.03.2018 ghall-habta tal-16:25hrs fl-ghalqa gewwa Kercem, Ghawdex u jew f'dawn il-gzejjer:

1. Waqt stagun maghuq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) ta' L.S.594.42;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-

Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi ( L.S.549.42) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-Regolamenti 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7)(1)(e) tal-L.S 549.42;

4. U aktar talli fl-istesss data, hin, lok u cirkustanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasafur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasar Selvaggi u cioe' l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal-L.S. 549.42;

5. Akkużat talli kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III ċioe' gojjin, vrieden u apparel, u meta dawk l-ghasafar ma kinux gew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) ta' LS 549.42.;

Il-Qorti giet mitluba li bis-sahha ta' regolament 27 tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni jew ir-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-Konsevazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabli;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat ir-rikors tax-xhud Fiona Burrows tal-lum stess 12 ta' Gunju 2018;

Illi l-fatt li r-rikors gie prezentat dalghodu minghajr provi li s-Sinjura Fiona Burrows tinsab imsiefra mhux accettabbli ghal din il-Qorti;

Illi l-Qorti tinnota li x-xhud Fiona Burrows kienet giet notifikata bis-seduta tal-lum fl-1 ta' Gunju 2018 u ghaldaqstant kellha hin

bizzejjed biex ir-rikors ikun prezentat b'mod komplet u fil-hin, u mhux jingabu l-imputati bl-Avukati difensuri taghhom u bix-xhieda ghalxejn ghas-seduta tal-lum;

In oltre, il-Qorti taghmilha cara li x-xhud Fiona Burrows ghandha tifhem darba ghal dejjem li ma tistax tippretendi li tiddetta l-andament ta' dawn il-kawzi skont l-esigenzi taghha b'nuqqas ta' rispett lejn l-operaturi kollha fl-istess Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk qed taghlaq il-provi taghha;

Semghet lill-imputat Joseph Grech jixhed minn jeddu u b'mod volontarju li ddikjara li l-mansab veru li kien hemm, izda min kien jonsob harab. L-imputat iddikjara wkoll li hu mar jittawwal iz-zergha fl-ghalqa u li l-persuna li kienet hemm ma kienx mir-rahal Ta' Kercem ghax kieku jafu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Axiak** deciza fil-21 ta' Lulju 2017 fejn dik il-Qorti tkellmet dwar kif ghandha ssir identifikazzjoni tal-persuna li tkun qieghda twettaq reat;

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Nru. 400/2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Muscat** deciza fid-19 ta' Ottubru 2016 fejn dik il-Qorti tkellmet dwar kif ma jistax jigi eskluz li kien hemm persuna injota li kienet qed taghmel uzu mill-mansab;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Joseph Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**